27 ta' Gunju, 1953

**Imhallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Thomas W. Hedley et ne. *versus* Emanuel C. Tabone, M.L.A., et.

**Libell — "Fair Comment" — Verità tal-Konvičju.**

*Jekk il-fatt f'artikolu f'gurnal ma hux veru, ma jistax jinghad li dak l-artikolu jikkostitwixxi "fair comment"; u langas ma tista' tirnexxi d-difiža tal-verità tal-konvičju.*

Il-Qorti — Rat id-dečižjoni taghha "in parte" tat-30 ta' Mejju 1953;

Wara li semghet l-argumenti;

Ikkunsidrat, fuq l-eččezzjoni tal-verità tal-konvičju:

Kif osservat id-difiža, il-fatt fl-artikolu nkriminat hu l-allegazzjoni kontenuta fl-ahhar paragrafu, illi meta l-haddiema ghamlu strike fl-1943, it-Times of Malta sejhet lill-haddiema "hooligans and saboteurs". Minn dana l-fatt, kif juri l-artikolu, min kitbu gibed il-kummenti li t-Times of Malta hu gurnal servili, illi l-avviž imwahhal fuq in-"notice board" tal-H.M.S. Glasgow kien ispirat mit-Times of Malta minhabba dan l-attegģjament servili u ostili ghall-haddiem malti, u illi dan il-gurnal ixerred il-velenu;

Issa, bl-ebda prova ma gie sostanzjat il-fatt fuq imsemmi. L-estratti mit-Times of Malta kontenuti fil-kopja tat-"Torch" tat-3 ta' Ottubru 1947, ežibita bhala dok. "A" mill-kwerelati bin-nota taghhom tal-4 ta' Frar 1953, juru anzi l-kuntrarju, ghaliex minnhom jirrižulta li f'xi artikoli u ittri li dehru fit-Times of Malta kien inghad illi l-Gvern u li "Staff Delegates" ma ghandhomx jabdikaw l-awtorità taghhom lil "a handful of hooligans and irresponsible youths who, so far as appears to the public, attempt to dictate". Inghad, b'riferenza ghall-had-

diema li xtaqu jidħlu għax-xogħol, illi l-familji tagħhom kien imisshom jiġu protetti "against hooliganism fostered by a few disappointed fifth columnists";

Fi bran ieħor issir riferenza għal "an unruly group of hooligans";

Dawn, u l-brani l-oħra, juru għalhekk li t-Times of Malta ma kienx xejn affattu qed isejjaħ lill-ħaddiema maltin kollha "hooligans" u "saboteurs", imma qal biss li kien hemm minoranza turbulenti li kienet qiegħda timponi fuq il-maġġuranza li riedet timxi bil-prudenza. Il-fatt, ossija l-"allegation of fact" kontenuta fl-artikolu, mhux talli ma hix pruvata, imma anzi hu pruvat li kien hemm dik li tsseijjaħ "a malicious distortion", in kwantu li dak li ntqal espressament u raġjonevolment b'riferenza ċara għal "grupp" jew "minoranza", ġie mill-artikolista malizzjożament deformat bħala li ntqal għall-ħaddiema maltin in ġenere;

Jekk il-fatt ma hux veru, ma jistax ikun "fair" il-komment, għax ebda "comment" ma hu "fair" jekk ikun "built on facts not truly stated" (ara deċiżjonijiet ċitati diġà fis-sentenza "in parte" fuq imsemmija);

Għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-"justification" u "fair comment";

Għal dawn il-motivi, u għal dawk ġà espressi fis-sentenza "in parte" fuq imsemmija;

Prevja riforma tas-sentenza appellata;

Tiddikjara l-kwerelati ħatjin skond l-imputazzjoni fil-konfront taż-żewġ kwerelanti, u mhux biss tal-kwerelant Hedley, u għalhekk tvarja l-multa li għandha titħallas minn kull wieħed mill-kwerelati fis-sens li din għandha tkun ta' għaxar liri minflok ta' ħamsa;

L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu........... Onorarju tad-difensuri...........;

Tikkonferma l-ordni tal-pubblikazzjoni riparatriċi kontenut fit-tarf tas-sentenza appellata, b'dekorrenza mil-lum.